# Programm mużikali annwali mill-Banda Santa Margerita f'Ta' Sannat għada

Is-Soċjetà Mużikali Santa Margerita VM għada fid-9.30pm fil-pjazza Santa Margerita f'Ta' Sannat, se tagħmel il-programm mużikali ta' kull sena fil-ġimgħa tal-festa ad unur il-patruna tar-raħal, Santa Margerita.

Il-kunċert ta' din is-sena ser jkollu laqta aktar kontemporanja b'kompożizzjonijiet pjuttost moderni mis-seklu għoxrin u oħrajn aktar riċenti.



Il-banda, taħt id-direzzjoni tas-surmast George Apap, se tesegwixxi siltiet mill-pinna tal-kompożituri Amerikani James Swearingen u Leroy Anderson, il-kompożitur Kanadiż Stephan Moccio flimkien ma' għadd ta' selezzjonijiet minn films riċenti bħal: A Star is Born; Mary Poppins Returns; selezzjoni mill-film li se jerġa' joħroġ mill-ġdid The Lion King; kif ukoll siltiet pop u rock ta' gruppi u artisti leġġendarji bħal Queen u Jon Bon Jovi.

Il-kunċert se jkollu finale mill-aktar spettakolari b'nar sinkronizzat mal-mużika.

Il-kunċert se jkun imżewwaq ukoll bis-sehem tal-kantant rinomat Malti, Ozzy Lino.

# Ġurnalista u kittieba tan-novelli Sirjana għall-Festival tal-Letteratura f'Malta

Wara li l-ġimgħa l-oħra semmejna lit-Taljan Davide Rondoni li bejn it-18 u l-25 ta' Awwissu se jkun f'Malta għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival tal-Letteratura ta' Malta organizzat mill-Inizjamed, illum se nagħtu ftit tagħrif dwar il-mistiedna mis-Sirja, Rasha Abbas.

Twieldet f'Latakia, is-Sirja fl-1984, madankollu għexet ħafna f'Damasku u sa mill-2014 hi bbażata f'Berlin, il-Ġermanja.

Fl-2008 ippubblikat l-ewwel kollezzjoni ta' novelli tagħha, Adam Hates the Television, kollezzjoni li waslitha biex tikseb il-premju għall-kittieba żgħażagħ fil-festival Damasku, kapitali tal-kultura Għarbija.

Fl-2014 insibuha bħala kittieba u traduttriċi għall-ktieb Syria Speaks: Art and Culture from the Frontline (Saqi Books).



Rasha Abbas



**ĦAMES SNIN MILL-MEWT TAL-ATTRIĊI DORA BRYAN.** Ħames snin ilu, fit-23 ta' Lulju 2014, mietet fi Brighton, l-Ingilterra fl-età ta' 91 sena, l-attriċi kemm tal-palk, tal-films u tat-televiżjoni Dora Bryan, li isimha propju hu Dora May Broadbent. Fl-1996 ingħatat l-onorefiċenza OBE

Minbarra attriċi, għal madwar 40 sena kienet proprjetarja ta' Clarges Hotel, max-xatt tal-baħar ta' Brighton. Madankollu. minħabba falliment finanzjarju, kellha tbigħ parti kbira mill-binja anki jekk żammet dak li eventwalment sar appartament għaliha u għal żewġha. Kellha tlett itfal, li tnejn minnhom adottathom.

F'Ġunju 1968 hi kienet ġiet għal btala f'Malta, flimkien ma' żewġha, il-plejer professjonali tal-cricket Bill Lawton, li miet fl-2008. Hawn Malta kienu qagħdu fil-Marina Hotel, f'Tas-Sliema.

L-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' Malta b'direzzjoni ta' Philip Walsh, nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju tat kunċert orkestrali fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat Għawdex. Dan il-kunċert sar taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta George Vella. Peter Walsh, minkejja li hu Ingliż imwieled f'Southampton, għamel żmien twil b'konnessjonijiet mużikali ma' New Zealand. Issa ilu sa mill-2012 jidderieġi, bosta drabi bħala guest conductor, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta f'okkażjonijiet varji.

(Ritratt: Carmelo Cremona)



advert 8 x 5